MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 171/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**Ernest Briffa**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ernest Briffa ta' 29 sena, iben Joseph Mary u Veneranda nee Polidano, imwieled Ħ'Attard fis-27 ta' Frar 1979 u residenti St Joseph No 19 Triq San Lawrenz Żabbar u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 120279 (M)

Akkużat talli fid-29 ta' Mejju 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

**(a)** kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2007, il-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1202 tal-1979, il-ħatra tal-analista s-sur Godwin Sammut sabiex jeżamina s-sustanza u ta' espert ieħor biex janalizza d-data fil-mobile, is-sur Martin Bajada (seduta tat-22 t'Ottubru 2007), l-istqarrija tal-imputat a fol 24, is-sett ritratti a fol 26, l-estensjoni tal-inkarigu tal-analista s-sur Godwin Sammut (fol 29), ir-relazzjoni mmarkata GS a fol 45, ir-relazzjoni tas-Sur Martin Bajada a fol 54, u t-tieni relazzjoni tas-sur Godwin Sammut (fol 60).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Fid-29 ta' Mejju 2007, il-Pulizija waqqfu lill-imputat. Dan malli ra lill-Pulizija pprova jibla' l-qratas li kellu fuqu. Huwa rnexxielu ħlief għal qartas wieħed li waqa' mal-art u l-Pulizija elevawh. Mill-vettura tal-imputat inġabru numru ta' boroż tal-plastik bi traċċi ta' trab kannella fuqhom. Mill-kanna ta' fuq il-bejt , il-Pulizija elevat żewġ imwieżen elettroniċi, ammont ta' biċċiet karti minn pitazz simili għall-karta tal-qartas li l-imputat ma leħaqx bela' u ammont ta' madwar 6 grammi ta' trab kannella. Waqt l-interrogazzjoni t-telefon tal-imputat beda jirċievi smss u telefonati.

## L-Istqarrija tal-Imputat

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ammetta li l-qratas u l-affarijiet misjuba mill-Pulizija kienu tiegħu. Minn fuqu l-Pulizija elevaw Lm255 u mobile mudell Samsung. L-imputat spjega li kellu dawk il-flus fuqu għax kien sejjer jixtri tip ta' fanal u ried imur għand il-mechanic. Dwar l-imwieżen huwa qal li wieħed ma jaħdimx u l-ieħor kien jużah minħabba li kien jittrenja u kien jiżen l-ikel kollu.

L-aħħar darba li kien ħa l-eroina kien il-jum ta' qabel. Huwa qal ukoll li t-tliet qratas li kellu fuqu kienu għall-użu personali tiegħu. L-imputat kien jaħraq id-droga u mhux jeħodha fil-vina u konsegwentement kien jaħli ħafna. (fol 25).

L-imputat ma weġibx diversi domandi.

PC 213 Nicolai Borg, WPC 237 Antonella Vella, WPC 127 Carmen Gauci u PC 1319 Mathew Xuereb iddeskrivew x'ġara meta l-Pulizija waqqfu lill-imputat. Dan tal-aħħar bela' l-qratas li kellu ħlief wieħed. Imbagħad dan ix-xhud ikkonferma x'kien instab fuq il-bejt. Fost l-affarijiet kien hemm żewġt imwieżen li ssemmew qabel. Issemma wkoll l-ammont ta' flus li nstabu fuq l-imputat.

## Provi Forensiċi

Mill-analiżi tas-Sur Godwin Sammut jirriżulta li nstabu 5.11 grammi ta' eroina b'purita' ta' ċirca 20%. Dan l-ammont

kien imqassam hekk: 5.0 grammi tal-eroina u 0.11 grammi.

Is-Sur Godwin Sammut reġa' xehed fid-19 ta' Jannar 2009 minħabba li kien hemm estensjoni tal-inkarigu tiegħu.

Ix-xhud qal li skond l-analiżi li kien għamel fuq iż-żewġ dokuemnti li kien trab ta' lewn kannella u li kienu eroina, kien hemm differnziżgħar kimikament u għalhekk hekk probabilita' li t-trab ta' lewn kannella ma oriġinawx mill-istess sors għaliex hemm differenzi kimikament.

Xehed is-sur Martin Bajada, espert maħtur mill-Qorti, u ppreżenta r-relazzjoni tiegħu.

**Xhieda Difiża**

L-imputat ikkonferma l-istqarrija tiegħu. Huwa qal li l-flus kienu biex jixtri xi uplighter u xi fanal tas-saqaf u kien għadu kif tahomlu missieru. Dak il-ħin kellu uplighter fil-kaxxa. L-imputat lill-ġenituri kien jipprova jaħbilhom li kien jiehu d-droga. Huwa ma kellux ammonti kbar ta' flus. Huwa kien seta' jonfoq Lm180 għax kien imur jiksi u jiżbogħ. L-imputat kien jixtri f'dak l-ammont biex jissodisfa l-habit tiegħu. Huwa qatt ma kien biegħ droga. L-imwieżen kien jużahom għal skopijiet ta' piż għaliex darba kien jiżen 150 kilos

Huwa spjega li meta taħraq id-droga tkun trid ammont akbar. Kull filgħodu kien jieħu xi tliet pakketti. Meta kien mistoqsi dwar xi dettalji li dehru fir-rapport tal-espert li nħatar dwar il-mobile, huwa qal li ħafna minnhom ma kienx jiftkarhom. Ħafna min-nies illum il-ġurnata m'għadux jarhom. L-imputat qata' ħafna minnhom għaliex ried isib xogħol u meta daħal ma' wieħed tal-pastizzi nqabad b'ħafna ħinijiet. Uħud kienu jħallsuh talli kien għamlilhom xi xogħol.

Huwa kien ikollu xi xogħol ma' ċerti min-nies imsemmija udan fi żmien meta kien jibda l-jum billi jieħu d-droga.

L-imputat spjega wkoll wieħed mill-messaġġi 'When you wake up, can you get me one big chicken my friend?' bħala li kienet qed tirreferi għal xi ikel minn ħanut fir-Raħal Ġdid. Huwa ċaħad li dan il-messaġġ kellu x'jaqsam ma' traffikar tad-droga.

Xehed ukoll missier l-imputat li qal li ibnu kien jiekol ħafna take away u kien żied ħafna fil-piż. L-imputat kien għadda minn problema tad-droga iżda llum huwa supervisor u għandu n-nies taħt idejh. Huwa qal li l-flus li nstabu fuq it-tifel kien thaomlu hu biex jixtri. Il-missier qal li ibnu kien jikri d-DVD's.

Fl-aħħarnett xehdet il-partner tal-imputat Marija Farrugia li spjegat li l-imputat kien jixtri ħafna kebabs u tiġieġ. Qalet ukoll li l-imputat kien iġib id-DVD's minn għand missieru u kienu jparrtu man-nies.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett jirriżulta bla ebda dubju li l-imputat kien fil-pussess ta' l-eroina. Filfatt l-eżamijiet forensiċi juru li t-total tal-piż misjub kien ta' 5.11 grammi. Dok 638 07 01 (Dok DT 3 – trab) kellu fih 5.0 grammi waqt li Dok 638 07 01 (Dok DT6-qartas) kellu piż ta' 0.11 grammi. Dan s'intendi barra dak li l-imputat bela' meta ra l-Pulizija ġejjin. L-imputat ammetta l-pussess kemm ta' din is-sustanza kif ukoll tal-imwieżen li nstabu.

**Dan huwa ammont serju.**

Dwar l-imwieżen, l-imputat qal li wieħed ma kienx jaħdem u l-ieħor kien jużah biex ikejjel x'qed jiekol. Il-Qorti mhix temmen lill-imputat li l-miżien li kien jaħdem kien jintuża biex jintiżen l-ikel biss. Kieku kien hekk, l-imputat ma kellu x'jaħbi xejn mill-ġenituri tiegħu, anzi kien jużah fejn jarawh huma biex iserrħilhom rashom li hu kien qiegħed fuq id-dieta. Għalkemm forensikament fuqhom ma nstabux traċċi ta' eroina dawn l-imwieżen ma kienx hemm

raġuni **għaliex għandhom ikunu moħbija**.. (Ara fol 3 tar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut).

Il-preżenza ta’ mwieżen elettroniċi, li wieħed minnhom kien jaħdem żgur skond l-imputat stess, huwa element serju ieħor li l-Qorti bilfors trid tikkonsidra.

L-espert stabilixxa li l-provenjenza tas-sustanza setgħet ġiet minn żewġ sorsi. Minn dan wieħed jista’ jikkonkludi li ż-żewġ sustanzi setgħu nxtraw minn żewġ sorsi differenti jew min issupplixxa lill-imputat kellu żewġ kwalitajiet ta’ droga.

**Dwar il-biċċiet tal-karti ta’ pitazz moħbijin fil-kanna fuq il-bejt baqa’ ma ntqal xejn mill-espert dwar il-kompatibilita’ ta’ bejn dawn u dak li nstab għand l-imputat.**

**Biss il-fatt li fuq il-bejt instabu karti mqattgħin fl-istess post fejn instabu l-imwieżen u d-droga huwa wkoll indizju ieħor li d-droga kienet qed titqassam f’sachets.**

Dwar il-flus l-imputat ta spjegazzjoni tal-provenjenza tagħhom aċċettabbli fuq bażi ta’ probabilita’għaliex mill-ewwel kien irrisponda. (L-istess għamel missieru dwar dan).

L-imputat qal li dak iż-żmien kellu dipendenza fuq id-droga u kien jinħtieġ li jkollu ammont sewwa biex jinqeda. Mill-fedina penali jirriżulta li fis-sena 2000 l-imputat kien instab ħati tal-pussess tar-raża tal-cannabis. (fol 4). Missier l-imputat qal li l-imputat kien għadda minn żmien ta’ dipendenza għalkemm l-imputat qal li kien jagħmel minn kollox sabiex il-ġenituri ma jkunux jafu.

Fl-aħħarnett l-imputat qal li huwa kien jieħu d-droga filgħodu. Mill-atti jidher li r-raid sar filgħodu iżda x’kien ser jagħmel bl-eroina **barra d-dar** fid-9.30am fil-ħin li qabduh il-Pulizija?

Il-Qorti tinnota dawn l-elementi:

(a) l-ammont ta’ droga li huwa serju; (5.11 grammi)
(b) il-karti mqattgħin misjuba fil-katusa fejn kienu moħbija l-imwieżen;
(ċ) is-sejbien ta’ miżien elettroniku (anzi tnejn) fl-imkien fejn kien hemm id-droga;
(d) il-fatt li l-imputat inqabad bid-droga **barra mill-bieb tad-dar** fejn bela’ dak li seta’ mis-sustanza.

Dawn l-elementi **kumulattivament jikkonviċu l-Qorti li l-imputat ma kellux d-droga għalih biss iżda wkoll biex jagħti lil ħadd ieħor.** Il-fatt li l-imputat kien, skond hu, dak iż-żmien dipendenti mid-dorga, ma jfissirx li ma kienx qed jissuplixix d-droga lil ħadd ieħor meta wieħed iqis dawn l-elementi kollha f’daqqa.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih .**

**Għalhekk, il-Qorti, wara li ikkonsidrat l-ammont involut, qed tikkundanna lill-imputat iħallas għal piena ta’ ħdax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta’ multa multa ta’ €1000 liema multa tista’ titħallas bir-rata ta’ 100 Ewro kull erba’ ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż tal-esperti maħtura mill-Qorti li jammontaw għal (€284.33 +€240.78 + €143.13 = €668.24) liema**

**pagament għandu jseħħ fi żmien xahar mil-lum. Jekk ma jitħallasx, dan jinbidel fi priġunerija skond il-Liġi.**

**Il-flus għandhom jingħataw lura lill-imputat għax ma kienx ippruvat li dawn ġew mill-bejgħ tad-droga u ngħatat spjega soddisfaċenti fuq bażi ta' probabilita' dwar il-provenjenza tagħhom.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------